# QORTI CIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa**
**Tletin (30) ta’ Ġunju 2021**

**Rikors Numru 159/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Avukat Dr Malcolm Mifsud**
**a nom u in rappreżentanza tas-soċjeta’ Taljana**
**Kelkoo srl**

**Vs**

**PKS Europe Limited**
**(C 77018)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 23 ta’ Frar 2021, li permezz tiegħu s-soċjetà rikorrenti Kelkoo srl, tramite r-rappreżentant tagħha u bil-ġurament tiegħu Dr Malcolm Mifsud, talbet s-segwenti:

    *Billi s-soċjeta' attriċi biegħet u kkonsenjat lis-soċjeta’ konvenuta servizz għall-valur ta' €61,142.79 (Dok.A, B, C, u D) u għalkemm dan l-ammont intalab kemm-il darba mingħand is-soċjeta’ konvenuta iżda huwa baqa’ ma ħallasx;*

    *Illi l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-attur nomine is-soċjeta’ konvenuta m'għandhiex eċċċezzjonijiet x’tagħti għat-talba li qed issirlu;*

*Jgħid il-konvenut għaliex:*

1. *tgħaddi biex tiddeċiedi fuq it-talba tal-attur nomine bid-dispensa tas-smiegħ għat-termini tal-Artikolu 167 ta' Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

2. *tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' €61,142.79 (wieħed u sittin elf, mija u tnejn u erbgħin Euro u disgħa u sebgħin ċenteżmu), flimkien ma' l-imgħax legali, ammont minnu dovut għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija.*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti kontra l-konvenut li huwa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fil-15 ta' Marzu 2021 il-kawża ġiet appuntata għat-12 ta' April 2021 fid-9.00am.

3. Jirriżulta illi fid-29 ta' April 2021, saret l-affissjoni fil-Kunsill Lokali San Ġiljan u l-Għassa San Ġiljan.

4. Jirriżulta illi fit-18 ta' Mejju 2021, saret l-affissjoni fl-uffiċċju reġistrat tas-soċjeta' intimata.

5. Jirriżulta illi permezz ta' nota ta' John Bezzina, ġie dikjarat illi l-indirizz reġistrat tas-soċjeta' intimata ġewwa Wied Għomor Street, St. Julians huwa l-indirizz tal-uffiċċju tiegħu fejn kien joffri servizz ta' registered office għas-soċjeta' intimata, li magħha huwa tilef kuntatt.

6. Rat illi fl-24 ta' Ġunju 2021, il-Qorti, wara illi rat id-dokumentazzjoni prodotta, qieset illi s-soċjeta' intimata hija debitament notifikata skond il-Liġi f'idejn persuna fis-servizz tas-soċjeta' intimata, a tenur tal-Artikolu 187 (1) tal-Kap 12.

7. Rat illi fl-24 ta' Ġunju 2021, meta ssejħet il-kawża, s-soċjeta' intimata jew rappreżentant tagħha ma deherux, u l-Qorti ddikjarat li s-soċjeta' intimata kienet kontumaċi.

8. Rat illi fl-24 ta' Ġunju 2021, Dr Malcolm Mifsud iddikjara illi l-ammont lis-soċjeta' Kelkoo srl kien għadu dovut u ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

9. Rat illi fl-24 ta' Ġunju 2021, abbazi tal-Artikolu 158 (10), il-Qorti, qabel ma tgħaddi biex tagħti s-sentenza, ikkonċediet żmien lis-soċjeta' intimata biex fiha tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub biex tiddefendi ruħha kontra t-talba tar-rikorrenti.

10. Rat illi, meta ssejjħet il-kawża llum, s-soċjeta intimata jew rappreżentant tagħha reġgħu ma dehrux u ma tressqu ebda sottomissjonijiet bil-miktub.

11. Rat illi għalhekk, il-kawża kienet posposta għas-sentenza.

12. Rat illi l-Qorti ma għandha ebda raġuni għaliex ma tilqax t-talbiet tar-rikorrenti nomine.

## Konklużjoni

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti tal-kawża;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tikkundanna** lis-soċjeta' konvenuta PKS Europe Limited tħallas lill-attur nomine is-somma ta' €61,142.79 (wieħed u sittin elf, mija u tnejn u erbgħin Euro u disgħa u sebgħin ċenteżmu), bħala ħlas għal servizzi kif deskritt fl-avviż.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-avviż sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**